MALTA FOOTBALL ASSOCIATION

Patron H.E. Dr. George Vella, President of Malta

**Ċirkulari 160 – 2018/19**
**Lill-Klabbs Membri u l-Youth Football Association**

2 ta' Lulju 2019

**Reġistrazzjoni ta' players minuri barranin**

Għażiż Segretarju,

Il-Malta Football Association se tkun qiegħda tirrevedi l-proċess ta' reġistrazzjoni ta' players minuri (taħt it-18-il sena) barranin u/jew dawk li jkunu ġejjin minn Assoċjazzjoni barranija. Dan biex ikun żgurat li tali proċess ikun konformi mar-regolamenti tal-FIFA, li jirrikjedu li kull reġistrazzjoni ta' dan it-tip tista' ssir biss wara li jkun inġieb il-permess tal-Players Status Committee tal-istess FIFA.

Il-klabbs u n-nurseries huma mħeġġa jsegwu l-informazzjoni mogħtija ma' din iċ-Ċirkulari. B'mod partikolari għandhom jaraw li meta jagħmlu talba għal tali reġisrtazzjoni jkunu f'qagħda li jipprovdu d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa, skont il-każ.

Il-*fee* marbuta ma' dawn it-tip ta' reġistrazzjonijiet se tkun ta' €100 u għandha titħallas qabel jiddaħħlu d-dokumenti neċessarji. Fejn it-talba għall-*International Transfer Certificate* (ITC) tal-player minuri tintlaqa' mill-FIFA, il-klabb li jagħmel it-talba jingħata lura €75. Ta' min jgħid li ż-żmien li jieħdu dawn ir-reġistrazzjonijiet biex jiġu konklużi jvarja skont il-każ.

Nittama li l-informazzjoni li qiegħda tingħata tkun utli u ta' gwida. F"każ ta' diffikultà nkunu nistgħu nassistu jekk tiktbilna fuq registrations@mfa.com.mt.

Tislijiet,

Dr Angelo Chetcuti
Segretarju Ġenerali



MAIN SPONSORS BOV Bank of Valletta CISK TALOCAN GIVOVA